MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 1075/2001/1

**Nazzareno sive Rennie Muscat u Joseph Ellul, ghal kull interess li ghandu**

**vs**

**Elmo Insurance Services Limited bhala agenti tas-socjeta’ estera assiguratrici Sun Alliance and London Insurance plc ta’ Londra, l-Ingilterra**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa ta’ Nazzareno sive Rennie Muscat u Joseph Ellul, li permezz taghha, wara li ppremettew illi:

L-attur Nazzareno Muscat kellu l-vettura tieghu tat-tip Fiat Ducato, numru ta’ registrazzjoni KBB 191, assigurata mas-socjeta’ konvenuta, (Polza Numru 409-109954),

liema polza kienet tkopri riskji ta’ terzi persuni taht il-Kapitolu 165 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fid-19 ta’ April 1998, il-vettura KBB 191, filwaqt li kienet qed tinstaq mill-attur Joseph Ellul, lavrant ta’ l-attur, kienet involuta f’incident stradali ma’ vettura ohra proprjeta’ ta’ Carmelo Delia u martu Lora, numru ta’ registrazzjoni CAR 297, fuq il-port tal-Mistra, limiti ta’ San Pawl il-Bahar;

L-attur Nazzareno Muscat ghamel il-claim necessarju mas-socjeta’ konvenuta, hallas l-‘excess’ u accetta li r-responsabilita’ in kwantu kien car li l-incident gara tort tal-lavrant tieghu, l-attur Joseph Ellul, li baqa’ diehel fuq il-parti ta’ wara tal-vettura CAR 297;

Il-polza ta’ l-assigurazzjoni kienet tkopri dan it-tip ta’ incident;

Dan nonostante, is-socjeta’ konvenuta naqset li thallas id-danni sofferti minn Carmelo Delia u martu Lora, il-proprjetarji tal-vettura CAR 297;

Fil-fatt, Carmelo Delia, ipprezenta kawza kontra l-attur Joseph Ellul fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili, Citazzjoni numru 983/99 GV, ghad-danni sofferti, liema kawza giet deciza b’sentenza moghtija fil-31 ta’ Jannar 2001, fejn it-talbiet ta’ Carmelo Delia u martu Lora, gew milqugha u l-attur Joseph Ellul gie kkundannat ihallas is-somma ta’ hamest elef, hames mija u sitt Liri Maltin u erba’ centezmi (Lm5,506.04), lil Carmelo Delia, rapprezentanti danni sofferti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess Joseph Ellul;

Ghalkemm l-attur interpella lis-socjeta’ konvenuta tonera l-obbligi taghha, taht il-polza ta’ l-assigurazzjoni u tikkompensa lil Carmelo Delia u martu Lora, is-socjeta’ konvenuta qed tonqos milli taghmel dan.

Talbet is-socjeta’ konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara ghal kull buon fini illi l-motor policy numru 409-109954, mahruga mis-socjeta’ konvenuta fuq il-vettura

KBB 191, kienet valida fil-perjodu ta’ l-incident u cioe’ fid-19 ta’ April 1998;

Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli ai termini ta’ l-istess polza msemmija u tal-ligi, illi tikkompensa lil Carmelo Delia u martu Lora ghad-danni minnu sofferti fil-vettura tieghu CAR 297, kif fuq premess, wara l-incident tad-19 ta’ April 1998;

Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta tkopri lill-atturi billi thallas lil Carmelo Delia, is-somma ta’ hamest elef, hames mija u sitt Liri Maltin u erba’ centezmi (Lm5,506.04), liema somma tirraprezenta d-danni likwidati favur Carmelo Delia fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Carmelo Delia et vs Joseph Ellul, citazzjoni numru 983/99 GV fil-31 ta’ Jannar 2001, bl-imghax u l-ispejjez tal-kawza.

Bl-imghax u l-ispejjez ta’ din i-kawza kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hi ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Elmo Insurance Services Limited, li in forza taghha eccepiet illi:

L-ewwel talba ta’ l-atturi ghandha tkun respinta stante li, ghalkemm fid-data ta’ l-allegat incident tat-traffiku msemmi fic-citazzjoni, kien hemm fis-sehh il-polza ta’ assikurazzjoni indikata mill-atturi u mahruga mis-socjeta’ eccipjenti noe, l-istess atturi jew min minnhom kisru l-pattijiet u kundizzjonijiet tal-polza bil-konsegwenza li rrendew mhux operattiva l-istess polza.

Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-tieni talba ta’ l-atturi ghandha tkun michuda stante li s-socjeta’ eccipjenti noe m’ghandha ebda obbligu tikkompensa lil Carmelo u Lora konjugi Delia kif pretiz mill-atturi stante li l-istess Carmelo u Lora konjugi Delia ma osservawx id-dispozizzjonijiet tal-Art. 10 (2) (a) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Isegwi allura li t-tielet talba ta’ l-atturi ghandha tkun rigettata stante li ma hemmx lok ghall-kundanna tas-

socjeta' eccipjenti noe ghall-ebda hlas ta' danni, imghax jew spejjez gudizzjarji a favur ta' Carmelo u Lora konjugi Delia skont is-sentenza citata mill-atturi fit-tielet talba taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem il-Qorti diversament presjeduta u ezaminat ix-xhieda fihom prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Fid-19 ta' April 1998, is-socjeta' konvenuta kienet tkopri vettura Fiat Ducato KBB 191 permezz ta' polza "third party", vettura din proprjeta' ta' Nazzareno sive Rennie Muscat. Gie rrapurtat li din il-vettura habtet ma' vettura Mercedes misjuqa minn Carmelo Delia. Gie rrapurtat li l-Fiat habtet mal-Mercedes fuq in-naha ta' wara, il-Mercedes imbaghad baqghet diehla f'cint u garrbet hsarat konsiderevoli. Is-socjeta' assikuratrici kellha suspetti li l-incident kien fabbrikat u ma koprietx il-hsara. Carmelo Delia pproceda gudizzjarjament kontra Joseph Ellul, sewwieq tal-vettura Fiat Ducato u l-istess Joseph Ellul gie kkundannat ihallas danni. Issa huwa flimkien ma' Nazzareno Muscat sid il-vettura Fiat Ducato qeghdin jitolbu li Elmo Insurance tigi kkundannata tkopri l-hlas skont il-polza. Is-socjeta' assikuratrici tilqa' ghall-kawza billi ssostni li l-incident ma garax tassew u ghalhekk gew miksura l-pattijiet ta' l-assikurazzjoni. Issostni ukoll illi hija qatt ma giet notifikata skont ma trid il-ligi bil-proceduri li kienu nfethu.

L-ewwel eccezzjoni ta' Elmo Insurance hija fis-sens li l-incident ma sehhx tassew kif irrakkontaw is-sidien tal-vetturi in kwistjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tibda biex ittenni l-principju illi min jallega jrid jipprova. Fil-kaz in ezami, il-piz huwa fuq is-socjeta' assikuratrici li ghandha tipprova s-suspetti tas-socjeta' assikuratrici jirrizultaw minn rizultat serje ta' ko-incidenzi li fid-deher taghhom setghu jwasslu lil wiehed jikkonkludi li n-nies involuti fl-incident ma kinux in bona fede.

Il-Qorti qieset dawn il-fatturi kollha. Id-data tar-rapport kif registrat mill-Pulizija tassew hija data ta' xi granet wara li sehh l-incident. Madanakollu, l-ufficjal inkarigat mir-rapport xehed hekk:

"*Jiena ghandi sistema li ma ndahhalx ir-rapport qabel ma jkolli kollox f'idejja u ghalhekk, meta gie jkellimni s-Sur Ellul, wara dan, jiena dahhalt ir-rapport.*"

Elmo jissuspettaw hazin ukoll dwar il-fatt illi sid il-Mercedes insista li jsewwi f'garage partikolari li nzerta huwa ta' hu s-sewwieq tal-vann li habtet fil-Mercedes. Ta' dan ukoll, lill-Qorti ngibitilha spjegazzjoni. L-istess Biagio Muscat, sid il-garage li sewwa l-Mercedes, xehed hekk:

"*Xogholi huwa ta' panel beater u sprayer. U jien naghmel dan ix-xoghol f'garaxx li jismu Delmos Garage. Dan il-garaxx huwa go fond numru 14, Toni Street, Zejtun. Ilni f'dan ix-xoghol xi 34 sena. Lis-Sur Carmelo Delia jiena nafu sewwa in konnessjoni max-xoghol tieghi. Peress li minn dejjem ta' dejjem kien jahdem ghandi. U jahdmu mieghi ukoll il-familja kollha, inkluz uliedu. Niftakar li f'April ta' l-1998, kien cempilli dan Carmelo Delia, kien qalli li kien involut go incident gewwa l-Mistra u li l-karozza tieghu kienet ghadha hemm fuq. Imbaghad cempilna lil ta' l-RMF u l-RMF ittowjaw il-karozza mill-Mistra u gabuha l-garaxx tieghi. Kien is-Sur Delia li cempel lil ta' l-RMF u ta' l-RMF gab il-karozza ghandi fuq struzzjonijiet li ta Carmelo Delia stess.*" Kien biss wara li sar jaf li huh kien is-sewwieq involut.

Lino Ferris, mill-istess socjeta’ Elmo, ra l-vetturi fuq il-post, ukoll xehed hekk:

“*Dakinhar tad-19 ta’ April tal-1998 jiena naf bl-incident peress li dakinhar inzertajt li kont tiela’ Ghawdex mal-mara tieghi u z-zewg kugini li kienu gew mill-Awstralja. Niftakar illi jiena u niezel lejn il-Mistra kont rajt il-Mercedes fuq ic-cint tal-benniena li hemm il-Mistra. Jiena waqaft u nzilt biex nara jekk ghandhomx bzonn xi ghajnuna. Jiena waqaft, inzilt mill-karozza, kien hemm ragel jippassigga fl-inhawi tal-karozza, saqsejtu jekk ghandux bzonn xi haga, qalli le, ergajt dhalt fil-karozza tieghi u bqajt sejjer lejn Ghawdex.*”

Ghalkemm, minbarra s-sewwieqa involuti, hadd ma raha l-habta nnifisha, din il-Qorti m’hijiex konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li saret kollha ‘messa in scena’.

Jirrizulta ukoll li ssejhet ambulanza fuq il-post.

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta qed tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta tirrigwarda l-obbligu impost minn Art. 10 (2) (a) tal-Kap. 104 li testwalment jipprovdi illi:

“*(2) Ebda somma ma jkollha tithallas mill-assiguratur awtorizzat taht id-dispozizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu-*

*(a) B’effett ta’ sentenza, kemm-il darba qabel jew fi zmien sebat ijiem wara tmiem il-provi ta’ l-attur fil-procediment li fih tkun giet moghtija s-sentenza, ma jinghatax avviz ta’ dak il-procediment b’att gudizzjarju lill-assiguratur awtorizzat.*”

L-atturi jsostnu illi d-dirigenti tas-socjeta’ assikuratrici kienu jafu bil-proceduri gudizzjarji ghaliex qalulhom huma stess.

Jghid hekk l-attur Nazzareno Muscat:

"*Nixtieq nispjega li l-kumpanija insurance konvenuta lili qatt ma qaluli li ahna mhux ser inhallsu. Li kienu jghiduli kien li huma ghandhom id-dubji taghhom u li huma kienu ser jaghmlu l-istharrig taghhom. Meta jiena mort nghid lill-kumpanija assikuratrici li Carmelo Delia kien fetah kawza kontra r-ragel ta' ohti Joseph Ellul, dawn kienu qaluli biex jien inqabbad avukat halli jiddefendi l-interessi tieghi. Nghid li qabel ma Delia fetah il-kawza lil Ellul, lili l-kumpanija assikuratrici kienet qaltli biex inqabbad avukat halli niddefendi l-interessi tieghi. Jiena meta mbaghad saret il-kawza minn Delia lil Ellul ergajt mort inkellimhom lill-insurance, ghidtilhom b'din il-kawza u regghu qaluli l-istess diskors.*"

Dr. Joe Micallef Stafrace fl-affidavit tieghu jsostni:

"*Qed tigi indikata lili c-Cit. 983/99 RCP, 'Carmelo Delia et vs Joseph Ellul', li tirrigwarda incident stradali li sehh fid-19 ta' April 1998. Dik ic-citazzjoni ggib il-firma tieghi u wara t-talbiet, fejn jintalbu l-ispejjez, hemm inter alia, "dawk ta' l-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap. 104";*

*Dan ifisser li, meta nizzilt hekk, <u>tassew</u> ghamilt hekk. Tassew saret l-ittra ufficjali.*

*Kieku ma ssemma xejn, seta' kien li, jew l-ittra ufficjali ma saritx jew <u>aktarx</u> li saret izda fic-citazzjoni ma tlabtx l-ispejjez taghha. Izda darba li intalbu l-ispejjez taghha u gie <u>specifikat</u> li l-ittra giet prezentata fil-jum li giet prezentata c-citazzjoni, bilfors li sar hekk.*"

Rosemarie Vella xehedet hekk:

"*Jiena nokkupa l-kariga ta' Deputat Registratur fil-Qrati Civili. Jiena ghamilt it-tfittxija mitluba minni fit-tahrika li rcevejna u ma sibt ebda ittra ufficjali fl-ismijiet imsemmija.*"

Din il-Qorti tenfasizza li r-registru tal-Qorti huwa l-aqwa prova fir-rigward. Li wiehed iqis mod iehor tista' twassal

ghal sitwazzjoni ta’ incertezza tali li xxejjen kull valur ta’ l-istess registru.

Il-vot tal-ligi fir-rigward huwa car u inekwivoku li jinhtieg li jsir sabiex titghabba bir-responsabilita’ l-assikurazzjoni hija notifikazzjoni permess ta’ att gudizzjarju. Dan fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum ma sarx.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti ser tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-kumpanija assikuratrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ Elmo Insurance Services Limited, tilqa’ t-tieni eccezzjoni u tichad it-talbiet ta’ l-atturi.

L-ispejjez jithallsu mill-atturi hlief ghal dawk relatati ma’ l-ewwel eccezzjoni li ghandhom jithallsu minn Elmo Insurance Services Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------